

**Suġġett**

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-ABE, tat-2 ta' Marzu 2015 li tiċħad l-offerta tar-rikorrenti, ippreżentati bi tweġiba għas-sejħa għal offerti ristretta EBA/2014/06/OPS/SER/RT, li tirrigwarda l-Lott Nru 1 imsejjaħ "Provvista ta' persunal temporanju: persunal temporanju fil-qasam tal-informatika" u, minnaħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u sabiex jinkiseb kumpens tad-dannu li r-rikorrenti kienu allegatament ġarrbu insegwitu għal din id-deċiżjoni minħabba t-telf ta' possibbiltà li jkunu kklassifikati fl-ewwel post tal-kaskada fil-kuntest tal-proċedura ta' għoti tal-kuntratt inkwistjoni, ta' ammont ta' EUR 3 000 000, flimkien mal-interessi.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) *European Dynamics Luxembourg SA, Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE u European Dynamics Belgium SA huma kundananta għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 262, 10.8.2015.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Novembru 2017 – Klymenko vs Il-Kunsill**

(Kawża T-245/15) <sup>(1)</sup>

***(“Politika barranija u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda minħabba s-sitwazzjoni fl-Ukrajna — Iffriżar ta’ fondi — Lista ta’ persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar ta’ fondi u riżorsi ekonomiċi — Żamma tal-isem tar-rikorrent fuq il-lista — Obbligu ta’ motivazzjoni — Bażi legali — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal proprjetà — Dritt għar-reputazzjoni — Proporzjonalità — Protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ekwivalenti għal dik iggarantita fl-Unjoni — Eċċezzjoni ta’ illegalità”)***

(2018/C 005/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Oleksandr Viktorovych Klymenko (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: inizjalment B. Kennelly, QC, J. Pobjoy, barrister, u R. Gherson, solicitor, sussegwentement B. Kennelly, J. Pobjoy, R. Gherson u T. Garner, solicitor, u fl-aħħar nett M. Phelippeau, avocat)

**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Vitro u J.-P. Hix, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263TFUE u għall-annullament, l-ewwel nett, tal-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/364 tal-5 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2015, L 62, p. 25), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/357 tal-5 ta' Marzu 2015 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2015, L 62, p. 1), it-tieni nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/318 tal-4 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2016, L 60, p. 76), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/311 tal-4 ta' Marzu 2016 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2016, L 60, p. 1), u t-tielet nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/381 tat-3 ta' Marzu 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2017, L 58, p. 34), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/374 tat-3 ta' Marzu 2017 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2017, L 58, p. 1), sa fejn l-isem tar-rikorrent kien inżamm fuq il-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Oleksandr Viktorovych Klymenko huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 302, 14.9.2015.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Novembru 2017 – Ivanyushchenko vs Il-Kunsill**

(Kawża T-246/15) (<sup>1</sup>)

***(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta’ fondi — Lista tal-persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar ta’ fondi u tar-riżorsi ekonomiċi — Żamma ta’ isem ir-rikorrent fil-lista — Żball manifest ta’ evalwazzjoni”)***

(2018/C 005/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Yuriy Volodymyrovych Ivanyushchenko (Yenakievo, l-Ukraina) (rappreżentanti: B. Kennelly, QC, J. Pobjoy, barrister, R. Gherson u T. Garner, solicitors)

**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix u N. Rouam, sussegwentement minn J.-P. Hix u P. Mahnič Bruni, aġenti)

**Objet**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa waħda, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/364 tal-5 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2015, L 62, p. 25), u tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/357, tal-5 ta' Marzu 2015, li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2015, L 62, p. 1), u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/318 tal-4 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2016, L 60, p. 76), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/311 tal-4 ta' Marzu 2016 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2016, L 60, p. 1), sa fejn l-isem tar-rikorrent inżamm fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

**Dispożittiv**

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/364 tal-5 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/357 tal-5 ta' Marzu 2015 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, sa fejn dawn l-atti jirrigwardaw lir-rikorrent, huma annullati.*